

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/1501****tal-20 ta' Lulju 2023****li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU. Il-Kunsill Ewropew tenna wkoll li l-Unjoni tibqa' impenjata li żżomm u żżid il-pessjoni kollettiva fuq ir-Russja, inkluż permezz ta' aktar miżuri restrittivi possibbli.
- (4) L-Iran jipprovi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Minħabba l-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li ħames individwi involuti fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (5) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (6) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

Il-persuni li ġejjin jinżiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

“Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1573.	Hamid Reza SHARIFI TEHRANI حمید رضا شریفی تهرانی magħruf ukoll bħala Hamidreza SHARIFI TEHRANI	Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Qods Aviation Industries Data tat-twelid: 6.7.1974 Post tat-Twelid: Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Hamid Reza Sharifi Tehrani huwa membru primarju tal-Bord tad-Diretturi ta' Qods Aviation Industries (QAI), entità li qed tbigħ droni Mohajer-6 lir-Russja sabiex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.7.2023
1574.	Ali Reza TANGSIRI علیرضا تنگسیری	Funzjoni: Kmandant tal-Flotta Navali tal-IRGC u president tal-Bord tad-Diretturi u membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 27.8.1963 Post tat-Twelid: Arvandkenar, Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Ali Reza Tangsiri huwa l-kmandant tal-Flotta Navali tal-IRGC u president tal-Bord tad-Diretturi u membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Flotta Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjani żviluppati mill-Forza Ajruspazjali tal-IRGC. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.7.2023
1575.	Mohsen ASADI محسن اسدی	Funzjoni: Membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 16.9.1971 Post tat-Twelid: Kerman, Iran Sess: raġel	Mohsen Asadi huwa membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Flotta Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjani żviluppati mill-Forza Ajruspazjali tal-IRGC. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.7.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1576.	Mohammad Reza MOHAMMADI محمد رضا محمدی	Funzjoni: Membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 16.4.1971 Post tat-Twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Reza Mohammadi huwa membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Flotta Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjani żviluppati mill-Forza Ajruspazjali tal-IRGC. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.7.2023
1577.	Mohammad Sadegh Heidari MOUSA محمد صادق حیدری موسی	Funzjoni: Membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company Data tat-twelid: 24.9.1977 Post tat-Twelid: Shahrehabak, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Sadegh Heidari Mousa huwa membru tal-Bord ta' Paravar Pars Company, li pproduċiet Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord (UAVs) għall-Forza Ajruspazjali (IRGC AF) tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u ttestjat UAVs għall-Flotta Navali tal-IRGC. B'mod partikolari, Paravar Pars Company kienet involuta fir-riċerka, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-UAVs Shahed-171 Iranjani żviluppati mill-Forza Ajruspazjali tal-IRGC. L-UAVs Shahed-171 prodotti fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Fil-kariga tiegħu, huwa b'hekk responsabbli għal azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.7.2023"